**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 857/2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**-Vs-**
**-omissis-**

**Illum, 18 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **-omissis-** li ġie akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Ġewwa 'Charles Bar' fond numru 23, sitwat fi Triq Santa Tereza Bormla u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer nhar it-8 t'Ottubru 2023 għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filghodu (08:45hrs) u fis-siegħat ta' qabel

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew t' oġġetti oħra minn fuq il-persuna ta' Carmel Scibberas, anzjan ta' wieħed u tmenin (81) sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-lok għad-dannu tal-istess anzjan Carmel Scibberras u/jew ta ' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Aktar talli wettaq reat matul il-perjodu ta' ordni ta' probation moghti mill-Qorti tal- Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea L.L.D fit-12 ta' Ottubru 2021;

Kif ukoll talli ġewwa 'Charles Bar', fond numru 23, sitwat fi Triq Santa Tereza Bormla u /jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjjer nhar is-17 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-ħamsa ta' filghaxija (17:00hrs) u fis-siegħat ta' qabel

3. Ikkommetta serq ta ' flus kontanti u/jew t'oġġetti oħra minn fuq il-persuna ta' Carmel Scibberas, anzjan ta' wieħed u tmenin (81) sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-lok għad-dannu tal-istess anzjan Carmel Scibberas u/jew xi persuna/i oħra u/jew ta ' xi entita u/jew entitajiet ohra;

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkagunajt ħsara fil-ġisem jew fis-sahha ta' Carmel Scibberas, anzjan ta ' wieħed u tmenin (81) sena, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. R.M Spiteri (Med Reg 2535);

5. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruhu reċidiv ai termini tal - Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittvi u li ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta ' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil- proċeduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi,

tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Carmel Scibberas

Semgħet lill-Uffiċjali Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 18; 261(a)(e); 262(1)(a)(2); 269(g); 276; 276A; 277(a); 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 23(1)(a)(12) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18; 261(a)(e); 262(1)(a)(2); 269(g); 274(c); 276A; 277(a); 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 49; 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
Fl-artikoli 15A; 17; 31; 257D(1)(c); 382A; 383; 384; 385; 386; 412Ċ; 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 li m'għandux oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bl-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'żewġ kapi ta' serq aggravat minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem 'Charles Bar' ġewwa Triq Santa Tereża, Bormla, għad-detriment tal-istess vittma, persuna anzjana li wkoll allegatament sofriet offiżi ta' natura ħafifa matul waħda mis-serqiet. L-imputat qed jiġi mixli wkoll li kkommetta r-reati waqt li kien taħt Ordni ta' Probation u li huwa wkoll reċidiv.

**<u>Reati kommessi fit-8 ta' Ottubru 2023</u>**

Is-serq aggravat li allegatament seħħ fit-8 ta' Ottubru 2023 ġie rapportat mill-vittma, Carmel Sciberras, biss fis-17 ta' Ottubru 2023 meta mar jirrapporta lill-Pulizija illi reġa' safa misruq dakinhar stess għal darb'oħra mill-istess persuna. Carmel Sciberras xehed illi din l-ewwel serqa ġrat għall-ħabta tal-12.15 p.m., meta kien waħdu fil-ħanut tiegħu, Charles Bar, il-Bormla, daħal persuna maskili fil-ħanut, mar wara l-bank fejn ta daqqa lill-cash register, infetaħ il-kexxun u beda jieħu l-flus minn ġo fih. Ipprova jżommu biex jieħux il-flus iżda xorta ħadhomlu u ħarab, filwaqt li hu ħareġ mill-ħanut jgħajjat. Xehed illi l-malvivent kien għarfu bħala l-imputat -omissis- għaliex kien jafu żgħir mill-Bormla, u kkonferma li kien seraqlu tliet karti ta' €10 kull waħda u tliet karti ta' €5 kull waħda, b'kollox €45.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi filwaqt li l-imputat ġie mixli fiċ-ċitazzjoni li kkommetta l-ewwel serqa fit-8 ta' Ottubru 2023 "*għall-ħabta tad-8:45 a.m. u fis-sigħat ta' qabel,*" il-vittma, Carmel Sciberras, xehed quddiem il-Qorti li l-ewwel serqa seħħet għall-ħabta tal-12.15 p.m. ("*fil-kwarta*") f'data mhux magħrufa. Dan ifisser li teżisti diskrepanza bejn il-ħin tar-reat fl-imputazzjoni skont kif jirriżulta miċ-

ċitazzjoni, u x-xhieda tal-vittma. Iżda din id-diskrepanza fil-fehma tagħha, m'hijiex daqshekk rilevanti għaliex id-data u l-ħin ta' din l-ewwel serqa, 8 ta' Ottubru 2023 fid-8.45 a.m., ġew stabbiliti konklussivament mix-xhieda ta' PC 823 Neil Blundell u PC 702 Adrian Briffa, li flimkien kienu niżżlu u eżaminaw il-filmati ta' CCTV cameras tal-istabbiliment 'Dock 1 Boutique Hotel', li jiġi biswit il-ħanut tal-vittma[1]. Fir-rigward, PC 823 ħejja rapport b'*time-lime* magħmul minn diversi fotogrammi li nħarġu mill-filmati tal-cameras[2] u xehed illi fil-filmati tat-8 ta' Ottubru 2023, għall-ħabta ta' 08:44h, jidher persuna liebes karkur, shorts iswed u flokk aħdar, miexi fid-direzzjoni tal-ħanut 'Charles Bar' iżda minflok daħal, reġa' dar lura u qagħad jistenna barra iżda ftit sekondi wara, jidher dieħel fil-ħanut fejn dam madwar ħamsin sekonda qabel reġa' ħareġ jiġri 'l barra. Da parti tiegħu, PC 702 Adrian Briffa xehed illi minn eżami tal-filmati tat-8 ta' Ottubru 2023 osserva li għall-ħabta tad-8:44hrs, deher is-suspettat idur quddiem il-ħanut u mbagħad jidħol u jerġa' joħroġ minnu wara ftit tal-ħin biss.

Id-difiża ma kkontestatx l-ammissibbilita' tal-filmati li ġew esebiti fil-provi proċesswali (Dok. NB1) u ma ressqitx provi li jimminaw ir-riżultanzi jew is-saħħa evidenzjarja ta' dawn il-filmati, lanqas safejn għandhom x'jaqsmu d-data u l-ħin tal-allegat serqa tat-8 ta' Ottubru 2023, l-awtentiċita' tal-filmati jew l-eżattezza tal-ħin indikat fuq l-istess filmati. Kollox magħdud, il-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammisibbilita' ta' dawn id-dokumenti anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken*

[1] CD Dok. NB1.
[2] Rapport Dok. NB2.

*by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [3]

Il-Qorti tqis li l-kunflitt bejn ix-xhieda tal-vittma u l-provi l-oħra li ressqet il-Prosekuzzjoni in kwantu għall-ħin li fih ġie mwettaq ir-reat ta' serq fit-8 ta' Ottubru 2023 m'huwiex fatali għall-każ tal-Prosekuzzjoni u lanqas m'hu biżżejjed biex inaqqas mis-saħħa tal-prova stabbilita mill-filmati. Huwa evidenti li l-vittma ta' 81 sena meta ġie eżaminat quddiem il-Qorti lanqas kien kapaċi jiftakar id-data preċiża tat-tieni serqa li kienet ġrat madwar ġimagħtejn qabel xehed, wisq inqas id-data tal-ewwel serqa. Għalhekk il-Qorti ma tirravviżax fil-ġabra tal-evidenza proċesswali xi prova li raġjonevolment tqiegħed fid-dubju r-riżultanzi tal-filmati li jistabbilixxu d-data u l-ħin tal-ewwel serqa bħala t-8 ta' Ottubru 2023 fid-8:44hrs u konsegwentement, tqis li l-ewwel imputazzjoni hija ppruvata sodisfaċjentement in kwantu ż-żmien u l-ħin tar-reat. Fuq kollox, l-imputat innifsu ammetta fl-istqarrija li rrilaxxa waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fid-19 ta' Ottubru 2023, illi fit-8 ta' Ottubru 2023 "*fil-għodu*" kien daħal jisraq mill-ħanut ta' Carmel Sciberras, fejn kien ħadlu xi flus minn ġol-cash register.

L-imputat ġie mixli li fit-8 ta' Ottubru 2023 wettaq serq aggravat bil-vjolenza u bil-lok.

Madankollu, il-Qorti ma taqbilx li l-kwalifika tal-vjolenza ġiet ippruvata għaliex fil-provi u fix-xhieda fir-rigward is-serq li ġie kommess fit-8 ta' Ottubru 2023, ma ġie riskontrat ebda wieħed mill-elementi msemmija fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu

[3] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

262(1) tal-Kodiċi Kriminali li jekk ippruvati kif imiss, ikunu jikkwalifikaw ir-reat ta' serq bil-vjolenza, ċioe':-

"*(a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;*
*(b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn;*
*(ċ) meta wieħed li jkun qiegħed jiġġerra mal-kampanja, armat b'armi regulari, jew li jkun jagħmel sehem minn ġemgħa ta' nies miġbura flimkien fis-sens tal-artikolu 63, b'talba bil-miktub jew bil-fomm, magħmula minnu nnifsu jew permezz ta' persuna oħra, iġiegħel li jiġu mogħtija lilu ħwejjeġ ħaddieħor, għad illi t-talba ssir mingħajr ebda theddid.*"

Carmel Sciberras fix-xhieda tiegħu eskluda li fit-8 ta' Ottubru 2023, l-ewwel serqa, l-imputat kien weġġgħu, għad illi kien imbottah u huwa kien ipprova jżommu milli jieħu l-flus, u f'ebda waqt ma qal li kien ġie mhedded b'xi mod. Carmel Sciberras xehed illi meta rrifjuta li jagħtih il-flus li talbu, l-imputat fetaħ il-cash register billi tah daqqa u waqqgħu mal-art tant illi nqalgħu xi wajers, iżda f'ebda waqt ma xehed illi l-imputat kien heddu li ser jagħmillu xi ħsara. Għaldaqstant, ma jirriżultax illi s-serqa saret flimkien mat-theddid maħsub fl-artikolu 262(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Barra minn hekk, ma jirriżulta minn imkien illi l-imputat kien armat jew akkumpanjat minn persuni oħrajn meta daħal jisraq mill-ħanut tal-vittma u talab il-flus u għalhekk, mhux ippruvati l-elementi msemmija fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 262(1).

L-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika wkoll l-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi:

*"Il-pieni msemmijin fl-artikoli 273, 274, 275 u 276 għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-"vjolenza" hemm imsemmija tkun diretta kontra persuna taħt l-età ta' tnax-il sena jew li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew kontra persuna li tkun tbati*

*minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tagħmel reżistenza xierqa."*

Issa l-artikoli 273, 274, 275 u 276 tal-Kodiċi Kriminali jirravviżaw "vjolenza" konsistenti f'serq akkumpanjat b'attentat ta' omiċidju, offiża fuq il-persuna jew sekwestru tal-persuna. Iżda fil-każ in diżamina, kif diġa' ngħad, is-serqa ma saritx flimkien ma' xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi. Tassew fl-atti ġie prodott estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta' Carmel Sciberras[4] li minnu jirriżulta li kien twieled fid-9 ta' Settembru 1942 u għalhekk, kif del resto xehed l-istess vittma, jirriżulta li kellu 81 sena meta twettqet is-serqa fit-8 ta' Ottubru 2023, iżda l-fatt li l-vittma hija persuna li għalqet l-eta' ta' sittin sena huwa immaterjali fejn ikun eskluż li s-serqa ġiet akkumpanjata mill-vjolenza msemmija fl-artikoli 273 sa 276 tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant, l-aggravju tal-vjolenza m'huwiex ippruvat u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 276 u 276A tal-Kodiċi Kriminali, indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, huma konsegwentement inapplikabbli.

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'serq aggravat ukoll bil-kwalifika tal-"lok" skont kif imfisser fl-artikolu 269(g) tal-Kodiċi Kriminali: "*dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha*". Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, Carmel Sciberras xehed illi l-ħanut, ċioe' l-lok tar-reat, ġewwa 23, Triq Santa Tereza, Bormla, jinfed mad-dar tiegħu. Fil-fatt, fir-rapport tal-okkorrenza (Dok. LZ3) jinsab imniżżel li l-indirizz tar-residenza ta' Carmel Sciberras huwa 24, Triq Santa Tereża, Bormla. Għaldaqstant, huwa ppruvat sodisfaċjentement illi dawn iż-żewġ fondi jinfdu ma' xulxin u li l-ħanut fejn saret is-serqa jagħmel parti mid-dar ta' abitazzjoni tiegħu u hija ppruvata il-kwalifika tal-lok.

Ikkunsidrat;

[4] Dok. LZ7.

Illi fit-tieni imputazzjoni, l-imputat huwa mixli li wettaq ir-reat ta' serq fit-8 ta' Ottubru 2023 waqt li kien taħt Ordni ta' Probation, mogħti b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea tat-12 ta' Ottubru 2021.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi minn eżami tal-kopja awtentikata tas-sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Ottubru 2021[5] li permezz tagħha -omissis- - li għandu l-istess konnotati tal-imputat odjern - ġie mqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal sentejn, jirriżulta li din is-sentenza ma ngħatatx mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea iżda mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia. L-imputat ġie mixli fiċ-ċitazzjoni li wettaq reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation "*mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea fit-12 ta' Ottubru 2021*" u mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia. Huwa minnu illi fl-atti ġie prodott kopja legali ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea[6] fejn inħareġ Ordni ta' Probation għal sena fil-konfront ta' -omissis- , iżda din is-sentenza ingħatat fis-16 ta' Frar 2018 u mhux fit-12 ta' Ottubru 2021. Dan l-Ordni ta' Probation evidentement ma kienx għadu fis-seħħ fit-8 ta' Ottubru 2023 iżda b'żieda ma' dan, għandu jingħad ukoll illi ma saritx il-prova illi l-persuna li nsabet ħatja bis-sentenza tas-16 ta' Frar 2018 hija tassew l-imputat odjern -omissis- . Dan qed jingħad għaliex is-sentenza ma fiha ebda konnotati tal-ħati u l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi biex jiġi stabbilit sewwasew illi -omissis- , il-persuna li nstabet ħatja bis-sentenza tas-16 ta' Frar 2018, huwa l-imputat odjern.

F'dan il-kwadru ta' diskrepanzi bejn il-kliem tal-imputazzjoni kif imfassla, u r-riżultanzi tal-provi, u fin-nuqqas ta' talba min-naħa tal-Prosekuzzjoni biex issir id-debita korrezzjoni biex it-tieni akkuża tkun konformi mal-provi akkwiżiti, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tal-addebitu li wettaq ir-reat fit-8 ta' Ottubru 2023 meta kien taħt Ordni ta' Probation mogħti mill-Qorti ta' Malta kif preseduta mill-Maġistrat Charmaine Galea.

---

[5] Dok. LZ8.
[6] Dok. SCT2.

**Reati kommessi fis-17 ta' Ottubru 2023**

Illi l-imputat huwa mixli li wettaq serqa oħra għad-dannu tal-istess Carmel Sciberras fis-17 ta' Ottubru 2023, ftit ġranet biss wara l-ewwel serqa oġġett tal-ewwel imputazzjoni li qed jinsab ħati dwarha. Ġie mixli wkoll li kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq id-derubat waqt is-serq.

Carmel Sciberras xehed illi dakinhar, kien fil-ħanut jirranġa xi karti meta l-istess persuna li kienet daħlet tisraq mill-ħanut tiegħu f'okkażjoni preċedenti, liema persuna huwa għaraf bħala l-imputat -omissis- , reġa' daħal jiġri fil-ħanut tiegħu għall-ħabta tal-3:45h. Xehed illi l-imputat daħal jiġri fuqu, ġibdu u waqqgħu mal-art, u mbagħad daħal wara l-bank fejn waqqa' l-cash register mal-art, fetaħ il-kexxun u ħa l-flus. Minkejja li rnexxielu jqum u qabdu minn idejh biex jipprova jżommu ħalli ma jeħodlux il-flus, l-imputat irnexxielu jaħrab u b'kollox seraq €45 f'kontanti.

B'riżultat tal-waqgħa, Carmel Sciberras ġarrab tbenġil fil-pala tal-id u d-driegħ tax-xellug kif ukoll selħa fil-minkeb tax-xellug, skont kif ġie kkonfermat minn Dr. Rose Marie Spiteri fix-xhieda tagħha, fejn jirriżulta wkoll li l-ġrieħi li ġew kostatati minnha ġew ikklassifikati bħala offiżi ta' natura ħafifa[7].

L-imputat fl-istqarrija awdjo-viżwali li rrilaxxa fid-19 ta' Ottubru 2023[8] wara li ngħata d-drittijiet legali kollha iżda rrifjuta li jkollu aċċess għal u l-assistenza ta' avukat[9], ammetta bla tlaqliq li kien hu li daħal jisraq lil Carmel Sciberras minn ġol-ħanut tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2023. Stqarr "*kont bla droga, kont ħa niġġennen u mort ma kien hemm ħadd u sraqtu. Tagħtni s-siegħa. Kont barra kelli l-leblieba...*" Stqarr ukoll li kien jaf li l-vittma kien avvanzat fl-eta'u kellu madwar tmenin sena għaliex kien jagħmillu xi xogħol qabel. Ikkonferma illi l-vittma kien bil-qiegħda fil-ħaunt meta daħal u talbu l-flus, iżda meta qallu le, imbottah u ħa l-flus. Ikkonferma wkoll li

---

[7] Xhieda tad-9 ta' Jannar 2024. Ara wkoll Dok. KF1.
[8] CD Dok. LZ6. Traskrizzjoni Dok. KV1.
[9] Dok. LZ5.

l-vittma qam biex iżommu milli jieħu l-flus mill-cash iżda huwa imbottah u telaq jiġri bil-flus, madwar €40 b'kollox f'karti u mar jixtri d-drogi bihom.

Dan kollu magħdud jikkostitwixxi prova inkonfutabbli illi l-imputat huwa ħati ta' serq aggravat bil-vjolenza għaliex waqt din is-serqa, Carmel Sciberras, il-vittma, sofra offiżi ta' natura ħafifa meta l-imputat imbottah għaliex irrifjuta li jagħtih il-flus u mar ħadhom minn ġewwa l-cash register. Fil-fehma tal-Qorti, huwa riskontrabbli f'dan l-egħmil il-kwalifika tal-vjolenza kif maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 262(1)(a) u (2) tal-Kap. 9, kif indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Billi huwa ppruvat li Carmel Sciberras sofra offiżi ta' natura ħafifa skont kif maħsub fl-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, isibu riskontru wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 274(ċ) tal-istess Kap. 9, li jipprovdu għal piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin jekk l-offiża tkun ħafifa.

Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, l-offiżi subiti minn Carmel Sciberras, konsistenti biss fi tbenġil, kienu ħfief għal dak li għandu x'jaqsam il-ġisem tiegħu, u jirrientraw fil-parametri tas-subartikolu (3) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9. Dan qed jingħad ukoll għaliex fix-xhieda tiegħu il-vittma mkien ma qal li kien muġugħ jew li l-marki baqgħu viżibbli u lanqas ġie ppruvat illi huwa bata moralment minħabba dan it-tbenġil. Il-Qorti sejra tagħti lill-imputat il-benefiċċju tad-dubju bl-applikazzjoni tal-prinċipju *in dubio pro reo* u sejra tapplika fir-rigward id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 274(d) tal-Kap. 9 għall-fini tal-piena. Għandu jiġi osservat ukoll illi l-eta' avvanzata tal-vittma, li hu fatt li jnissel inferenza ta' fatt qawwi li l-kommissjoni tar-reat ta' serq vjolenti tkun ħalliet effetti morali negattivi fuqu, ma għandhiex tingħata piż fil-kalibrazzjoni tal-grad tan-natura ħafifa tal-offiżi subiti mill-vittma f'dan il-każ għall-fini tal-piena: id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali – debitament invokati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju – diġa' jaħsbu għal dan meta jipprovdu għal żieda fil-piena ta' grad jew żewġ gradi fil-piena applikabbli f'każ li s-serq ikun sar flimkien ma' offiża ħafifa tkun ġiet diretta kontra persuna li tkun għalqet l-eta' sittin sena.

Kif diġa' ġie deċiż riferibbilment għall-ewwel imputazzjoni, il-fatt li r-reat ta' serq li ġie kommess fis-17 ta' Ottubru 2023, ġie kommess ukoll f'lok li jagħmel mad-dar ta' abitazzjoni tal-vittma, ifisser li dan is-serq huwa wkoll aggravat bil-lok a tenur tal-artikoli 261(e) u 269(g) tal-Kap. 9

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll bħala reċidiv taħt l-artikoli 49, 50 u 298 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda dan l-addebitu ma ġiex ippruvat għaliex ġew esebiti fl-atti proċesswali kopja awtentikata ta' sentenza waħda biss li jinsab ippruvat kif imiss li ngħatat fil-konfront tal-imputat odjern -omissis- , ċioe' s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia fit-12 ta' Ottubru 2021. B'din is-sentenza, madankollu, il-ħati ma ġiex ikkundannat għal reat iżda minflok, inħareġ fir-rigward tiegħu Ordni ta' Probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation. Huwa risaput illi s-sanzjonijiet komunitarji u l-liberazzjoni kondizzjonata jew inkondizzjonata, ipotetizzati taħt l-Att dwar il-Probation, ma jitqiesux bħala piena iżda jingħataw "*minflok tagħti sentenza dwar il-ħati*"[10] u għalhekk, l-imputat imqiegħed taħt Ordni ta' Probation ma jistax jiġi kkunsidrat bħala reċidiv peress illi huwa nieqes l-element tal-kundanna għal reat bl-impożizzjoni, f'sentenza, ta' waħda mill-pieni maħsuba fl-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Qabel xejn il-fatt illi l-imputat għandu storja ta' dipendenza fuq id-droga kif ukoll diffikoltajiet konjittivi minħabba diżabilita' intellettwali, u problemi ta' saħħa mentali (ADHD) li, fl-assjem tagħhom, huma ta' tħassib serju u ta' sfida qawwija, tant li ta' spiss ikun hemm bżonn ta' rikoveru għal perijodu twal fl-Isptar Mount Carmel. Dan jirriżulta

[10] Artikolu 7(1) tal-Kap. 446.

mir-rapporti kif ukoll ix-xhieda[11] tal-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina kif ukoll mix-xhieda tal-konsulent psikjatra Dr. David Cassar[12]. Il-Qorti fehmet illi l-isfidi li jaffaċċja l-imputat minħabba d-diffikolatajiet konjittivi, *personality disorder*, livelli baxxi ta' intelliġenza u problemi ta' nuqqas ta' kontroll tal-imġieba tiegħu, huma tali li ma jitqiesx minn kull entita' li taħdem kontra l-abbuż tad-droga, bħala kandidat idoneu biex jipparteċipa fi programm residenzjali għal rijabilitazzjoni mid-droga anke għaliex kien qed jaffaċċja wkoll sfidi b'rabta mal-ojentazzjoni sesswali tiegħu. Imbagħad, fiż-żewġ okkażjonijiet li ġie approvat għad-dħul fi programm residenzjali, l-imputat għamel biss ftit ġranet u telaq mill-programm.

Fil-fatt, mill-provi jirriżulta li l-imputat ilu jiġi segwit mill-2018 minn numru ta' professjonisti, senjatament biex jiġu indirizzati l-problemi ta' saħħa mentali u abbuż tad-droga. Jirriżulta wkoll illi filwaqt li l-imġieba tiegħu meta jkun f'ambjent ikkontrollat ('contained') tkun stabbli b'riżultat tat-terapija li jingħata u n-nuqqas ta' użu tad-droga, din tinbidel b'mod radikali hekk kif jerġa' joħroġ fl-komunita' fejn kważi minnufih l-imputat, li huwa persuna vulnerabbli, jitlef il-motivazzjoni u jerġa' jaqa' fl-istess vizzji: droga u imġieba kaotika. Dan partikolarment minħabba tad-diffikoltajiet konjittivi u nuqqas ta' abbilita' intellettwali tiegħu li jagħmluhielu diffiċli jifhem il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tiegħu, kif ukoll minħabba n-nuqqas f'ħajtu ta' struttura adegwata u stabbli, għajr għas-sostenn u appoġġ ta' missieru.

Mix-xhieda ta' Dr. David Cassar u r-rapport finali tal-uffiċjal tal-Probation, il-Qorti fehmet is-serjeta' tal-vulnerabbilita' tal-imputat b'riżultat tat-taħlita ta' problemi u sfidi li jaffaċċja: vulnerabbilita' li tirrendih suxxettibbli għal influwenzi negattivi u vittimazzjoni, fejn sofra wkoll abbuż fiżiku kif ukoll sesswali minn irġiel, u spiċċa ta' eta' żgħira żviluppa mard serju li ġie trasmess sesswalment meta kien jipprostitwixxi ruħu bħala sors ta' dħul. Madankollu, huwa stabbilit illi mhux il-każ li ġie riskontrat fl-imputat, xi każ ta' *diminished responsibility*. Dr. David Cassar xehed hekk fir-rigward:-

---

[11] Xhieda tal-20 ta' Mejju 2024. Rapport datat 9 ta' Jannar 2024 u rapport finali dwar is-superviżjoni provviżorja, ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2024 u konfermat bil-ġurament fil-11 ta' Settembru 2024.
[12] Xhieda tal-24 ta' Lulju 2024.

*"kapaci jaghmel decizjonijiet, xorta huwa responsabbli ghall-imgieba tieghu, ma nistghux nghidu li m'huwiex responsabbli ghall-imgieba tieghu imma irridu nifhmu ukoll il-limitazzjonijiet tieghu minhabba l-isfidi tieghu".*

Fil-fatt, jirriżulta illi l-imputat kien jaf ben tajjeb fiż-żewġ serqiet li kien qed jisraq lil raġel anzjan biex jissodisfa l-vizzju tiegħu tad-droga, tant illi stqarr huwa stess li hekk kif qabdu l-leblieba, iddeċieda li jmur jisraq mill-ħanut ta' Carmel Sciberras, persuna li kienet diġa' magħrufa lilu.

Il-Qorti, minn dan kollu, fehmet illi s-sitwazzjoni tal-imputat, fl-aspetti kollha tagħha, titjieb biss meta jkun f'ambjent '*contained*' fejn ikun 'il bogħod mir-riskji li huwa vulnerabbli għalihom, fosthom id-droga u sfruttament minn terzi persuni, u jkollu wkoll l-opportunita' jingħata l-attenzjoni u trattament kollu meħtieġ mill-aspett psikjatriku li jinkludu dożi għoljin ta' mediċina psikotropika. Ħadet qies ukoll tal-fatt illi Dr. David Cassar fix-xhieda tiegħu, ikkonferma illi minkejja l-interventi kollha li sarulu fl-Isptar Mount Carmel, l-imputat ma kienx qed jislet benefiċċju minnhom u kien ġie rilaxxat mill-Isptar anke għaliex bl-imġieba tiegħu fl-istess Sptar (li ġiet deskritta bħala '*tossika*') kien qed ifixkel pazzjenti oħrajn vulnerabbli. Dr. David Cassar xehed hekk:-

"*... irridu inzommu saqajna solidi mal-art, ilna nahdmu ma' -omissis- ghal hafna hafna snin u -omissis- jibqa' bl-isfidi tieghu kemm minhabba l-livell ta' intelletwalita' tieghu, ta' intelligenza tieghu u kif ukoll il-kundizzjoni ta' personality disorder. Nista' nghidlek ukoll illi ammont ta' zmien ilu, nghidu daqs sentejn, tlett snin ilu anke ghamilna case conference ta' saghtejn ma' specjalista fuq intellectual disability halli naraw x'nistghu noffrulu izjed biex inkunu certi li mhux qed inhallu xejn barra. Jigifieri dak li stajna naghmlu ghamilnih. Zgur li nibqghu naghmluh imma irridu napprezzaw l-isfidi u limitazzjonijiet tas-sitwazzjoni.*"

Fir-rapport finali tagħha, l-Uffiċjal tal-Probation irrapportat li magħha, l-imputat sostna illi "*ġewwa l-ASK jattendi l-gym, imur il-knisja, jara t-televixin u jagħmel xi xogħol ta' tindif fid-division tiegħu. Min-naħa l-oħra spjega li fil-komunita', iħobb jilgħab bil-playstation u jqatta' ħin barra mid-dar. Sostna li jkun interessat iwettaq xogħol volontarju fis-settur tal-kura tal-annimali. Fir-rigward ta' ħbiberiji, sostna li n-nies li jkun magħhom fil-komunita' jużaw id-droga, għaljemm indika li ġieli jkun fil-kumpanija ta' 'xi kuġini tajbin'*".

Fl-istess rapport, saret riferenza għal dak li ddikjarat il-care-plan co-ordinator tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi fir-rigward ta' dak li jinħtieġ sabiex l-imputat jista' jgħix ħajja stabbli:-

"*... il-bżonn li Vassallo jkun 'contained', u li jinżamm f'post sigur. ... jagħmel sens li t-transizzjoni tiegħu fil-komunita' tkun waħda gradwali u li l-psikjatra Dr. Saliba jkun jista' jirriferih l-Isptar Monte Karmeli mar-rilaxx mill-ħabs.*"

L-Uffiċjal tal-Probation ikkonkludiet:-

"*Fir-rigward ta' riskji li jinvolvi ruħu f'attivitajiet kriminali, jinħass il-bżonn li l-imputat jalterna bejn ambjent ristrett u intervalli limitati fil-komunita' sabiex jiġi evitat li s-sitwazzjoni tiegħu tilħaq livell ta' kaos inkwetanti. Dan jorbot mal-bżonn li l-imputat isegwi struttura fil-ħajja tiegħu ta' kuljum u għandu wkoll iservi sabiex iżomm 'il bogħod minn persuni u kuntesti negattivi li jiffaċilitaw l-involviment tiegħu f'imġieba devjanti. ... Finalment jinħass il-bżonn li Vassallo jkompli jirċeivi kura psikjatrika u li jsir monteraġġ b'reazzjoni mal-aspett tad-droga, hekk kif l-użu ta' sustanzi jirendi l-imġieba tiegħu aktar kaotika u jżid iċ-ċans ta reċidiva.*"

Dak li hu żgur hu li l-imputat għandu bżonn ta' sapport intensiv u superviżjoni regolari kif ukoll li jsegwi struttura fil-ħajja tiegħu, anke billi jinvolvi ruħu f'attivitajiet kostruttivi u pożittivi fil-komunita' u jitgħallem ħiliet ġodda. Jeħtieġ ukoll, fuq kollox, li jiġi ordnat jirrisjedi f'isituzzjonijiet adatti għall-kura li jeħtieġ li

jingħata sabiex iżomm 'il bogħod mill-vizzju tad-droga u minn ħajja kaotika biex titkompla l-ħidma mill-aspett psikoloġiku kif ukoll it-trattament psikjatriku, speċjalment dak relatat ma' conduct disorder.

Il-Qorti fehmet illi l-imputat ibati minn diżabilita' intellettwali serja u personality disorder preokkupanti li inevitabbilment jinċidu fuq il-ġudizzju tiegħu u jirrenduh persuna vulnerabbli bi propensita' naturali u inerenti li jgħix ħajja instabbli u jaqa' f'vizzji u konsegwentement, kriminalita'. Wara li ħasbet fit-tul dwar ix-xorta ta' piena li jistħoqq għar-reati li qed jinsab ħati dwarhom, reati vjolenti kommessi fil-konfront ta' persuna anzjana, kif ukoll dwar iċ-ċirkostanzi sfortunati tal-imputat u l-isfidi qawwija li jaffaċċja fuq diversi livelli – il-maġġoranza tagħhom mhux imputabbli lil xi ħtija da parti tiegħu – tqis li hu ovvju li l-imputat mhu sejjer jislet ebda benefiċċju minn piena karċerarja għaliex dak li jgħodd u li huwa ta' importanza massima u fondamentali biex jiġi assigurat li l-imputat, fl-interess sija tiegħu u sija wkoll tas-soċjeta' in ġenerali u l-vittma tar-reat, jitbiegħed miċ-ċirku vizzjuż tad-droga u kriminalita' u ma jerġgħex jikkommetti reati oħrajn, u fl-istess ħin jiġi assigurat li jitjieb mill-aspett psikoloġiku u psikjatrika, **hu li jinżamm f'ambjent ristrett u kontrollat li ma jkunx wieħed karċerarju, fejn jista' jiġi integrat fis-soċjeta' permezz ta' proċess transitorju** u jista' fl-istess ħin jiżviluppa wkoll l-aspetti pożittivi tal-karattru tiegħu, fosthom ix-xewqa li jagħmel xogħol volontarju fil-qasam tal-annimali u t-tagħlim ta' ħiliet li jistgħu jgħinuh biex isib, eventwalment, impieg regolarizzat mhux biss biex ikollu sors ta' dħul leġittimu, iżda fuq kollox biex jiġi evitat li l-vulnerabbilita' tiegħu terġa' twassal għal ħajja kaotika u tesponih għal abbuż u sfruttament. **Dan il-għan jista' jintlaħaq biss jekk l-imputat – issa li l-qagħda mentali tiegħu u l-imġieba tiegħu jidher li ġew stabbilizzati wara li ilu detenut qrib sena fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin - jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation bil-kundizzjoni mandatorja ta' residenza f'istituzzjoni u jew aġenzija, alternata b'residenza fil-komunita' għal perijodu qasir u limitat, biex l-aċċess tiegħu għall-komunita' filwaqt li ma jkunx eskluż, ikun limitat u ristrett b'mod li jista' jintegra ruħu fil-komunita' permezz ta' proċess ta' transizzjoni u bl-appoġġ kollu meħtieġ mil-lat psikjatriku.**

Il-Qorti m'hijiex prekluża milli tapplika fil-konfront tal-imputat waħda mis-sanzjonijiet maħsuba fl-Att dwar il-Probation għaliex kif diġa' ġie stabbilit, l-imputat mhux qed jinsab ħati tat-tieni imputazzjoni ċioe' li kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation u għalhekk, m'hijiex marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23(1)(2) tal-Kap. 446. Barra minn hekk, billi qed jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 274(d) u tal-artikolu 276A, il-piena massima ma teċċedix ħames snin priġunerija, anke jekk jiġu applikati wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali jew iż-żieda ta' grad fil-piena skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18, u l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-piena minima.

Jeħtieġ ukoll li l-imputat jingħata Ordni ta' Trattament biex jieħu l-kura u trattament psikjatriku kollu li jista' jiġi identifikat mill-professjonisti li jsegwuh.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-eta' żgħira tal-imputat u l-fatt li huwa stqarr fl-interrogazzjoni illi jiddispjaċih ħafna ta' egħmilu u ammetta li għandu bżonn l-għajnuna minħabba l-vizzju tad-droga.

Billi l-Qorti hija sodisfatta li l-ħati huwa mogħti għad-droga u li jistgħu jsiru l-arranġamenti adatti għall-kura tiegħu, sejra tinkludi fl-Ordni ta' Probation, skont kif maħsub fl-artikolu 7(4)(5) tal-Kap. 446, il-ħtieġa li l-imputat għandu jagħmel il-kura meħtieġa bħala residenti - ħlief għal meta jkun meħtieġ li joħroġ jaħdem jew jistudja jew iqatta' xi ġurnata mal-familja - fl-Isptar Monte Karmeli jew istituzzjoni oħra ekwivalenti, f'każ li l-Isptar ma jibqax jopera fil-lok u funzjoni attwali tagħha, minnufih u għal żmien sitt xhur, bil-għan li titjieb il-kondizzjoni mentali tiegħu u bil-għan li jinħeles mill-vizzju tad-droga; u mhux iktar tard minn ġimagħtejn wara l-iskadenza ta'l-imsemmi perijodu (f'liema perijodu għandu jgħix ma' missieru Paul Vassallo ġewwa Block C, 6, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla), l-imputat għandu jkompli jieħu l-kura kontra d-dipendenza tiegħu fuq id-droga bħala residenti f'waħda mill-Aġenziji li jaħdmu kontra l-vizzju tad-droga, jekk dan ikun possibbli, għal żmien mhux inqas minn tnax-il xahar u in segwitu, waqt li jkun fil-komunita', jibqa' jiġi

segwit taħt Ordni ta' Probation għall-bqija taż-żmien tal-istess Ordni fejn għandu jkompli jirrisjedi ma' missieru fl-istess indirizz fuq imsemmi. Jekk il-kundizzjoni ta' residenza f'xi waħda mill-aġenziji li jaħdmu kontra l-vizzju tad-droga ma tkunx tista' tiġi implimentata, l-Uffiċjal tal-Probation għandu jirrapporta lura lill-Qorti biex l-Ordni ta' Probation tiġi varjata, skont il-każ. Dan kollu kontestwalment mat-trattament li għandu jingħata lill-imputat b'implimentazzjoni ta' Ordni ta' Trattament biex jiġi megħlub il-vizzju tad-droga u biex jiġu indirizzati l-isfidi psikoloġiċi u psikjatriċi tal-imputat.

Barra dan kollu, l-imputat għandu jiġi ordnat iħallas lil Carmel Sciberras il-flus li seraqlu u dan bis-saħħa ta' ordni mogħtija taħt l-artikolu 24 tal-Kap. 446, kif ukoll għandhom jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa għall-protezzjoni tas-sigurta' tal-istess Carmel Sciberras minn egħmil tal-imputat.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għat-tieni imputazzjoni dwar il-ksur ravvizat fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 20, 31, 221(3), 261(a)(e), 262(1)(a)(2), 267(g), 274(d), 276A u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil -omissis- ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu serq aggravat biss bil-kwalifika tal-lok, u ħati wkoll tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħtija kontestwalment li tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu miegħu jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u l-ħati esprima ir-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata t-trattament meħtieġ biex jindirizza u jegħleb il-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga, u biex jindirizza l-problemi u l-isfidi psikoloġiċi u psikjatriċi tiegħu.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Carmel Sciberras għal żmien tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, tordna lill-ħati jħallas lil Carmel Sciberras is-somma ta' disgħin Euro (€90) bħala kumpens għad-danni sofferti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati ta' serq li dwarhom qed jinsab ħati. Din l-ordni għall-ħlas tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-istess Carmel Sciberras.**

**Għall-fini tal-artikolu 517 tal-Kodiċi Kriminali, tipprojibixxi l-pubblikazzjoni f'kull mezz li jkun, ta' isem il-ħati, -omissis- , f'din is-sentenza u dan sabiex tiġi protetta l-identita' tiegħu in vista tad-dettalji dwar ċirkostanzi personali u privati tiegħu, li huma ta' natura ferm sensittiva u li jifformaw parti minn din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**